**30 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Paul Pace

*versus*

Paul Gauci

**Konkorrenza Sleali – Esklussività – Użanza tal-Kummerċ**

*Min jallega l-eżistenza ta' użanza kummerċjali jrid iġib il-provi li dik l-użanza tassew teżisti. Din l-użanza trid tirriżulta b'mod ċar u univoku u trid tinġieb il-prova li din l-użanza ilha teżisti għal numru ta' snin.*

*F'Malta ma teżisti ebda użanza kummerċjali fis-sens illi, jekk hawn Malta jkun hawn aġent ta' prodott importat minn barra, ħadd aktar ma għandu jimporta jew jakkwista dan il-prodott biex ibigħu f'Malta ħlief tramite l-aġent Malti.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-11 ta' Frar 1993, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem tad-ditta *Marfel* ta' 81/2 Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema kummerċ jikkonsisti fil-bejgħ lil bosta ħwienet f'Malta ta' kull xorta ta' *greeting cards;*

Premess illi l-attur huwa l-uniku persuna f'dawn il-Gżejjer li għandu l-esklussiva tad-distribuzzjoni tal-*greeting card* bil-*brand name Donny mac* u *Arnold & Barton,* liema esklussiva ġiet lilu konċessa mill-idejaturi u produtturi ta' l-imsemmija kartolini, *Hambeldon Studios;*

Premess illi l-konvenut illegalment u abużivament, u kontra kull użanza fil-kummerċ, qiegħed bil-moħbi ta' l-attur idaħħal f'dawn il-Gżejjer dawn il-*greeting cards* bil-*brand names* fuq imsemmija, u dan mingħajr ma għandu l-awtorità li jagħmel dan mill-imsemmija soċjetà estera *Hambledon Studios;*

Premess illi dan l-aġir tal-konvenut qiegħed jirreka danni lill-attur kemm f'termini ta' telf u kif ukoll bħala l-persuna li hija obbligata fil-liġi li tħares u tikkontrolla l-bejgħ ta' dawn il-kartolini fis-suq lokali u dan *qua* uniku distributuri ad esklużjoni ta' terzi kif inkarigat mid-ditta estera li jagħmel mill-fuq

imsemmija soċjetà estera;

Premess illi l-konvenut diġà ġie inibit minn din il-Qorti milli jkompli jbigħ direttament jew indirettament dawn il-*greeting cards* lil terzi permezz ta' mandat ta' inibizzjoni ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ li jġib in-numru 138/93;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-aġir tiegħu fil-konfront ta' l-attur huwa wieħed illegali, abużiv, li jmur kontra kull użanza fil-kummerċ u/jew jammonta għal konkorrenza slejali u li għalhekk l-attur għandu d-dritt li jbigħ u jiddistribwixxi l-*greeting cards* fuq imsemmija ad esklużjoni ta' terzi; u,

2. Tinibixxi definittivament lill-konvenut fis-sens li tikkonferma definittivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, fil-Qorti tal-Kummerċ, numru 138/83;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ numru 138/83;

Rat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Paul Gauci illi d-domandi attriċi huwa infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *proprio et nomine stante* li huwa ma jiġġestix il-*Colin Stationery* imma hija martu u oħtha li jiġġestixxu dan in-negozju;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-8 ta' Marzu 1993, li biha eċċepixxa;

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt

*stante* li huwa ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *proprio et nomine stante* li huwa ma jiġġestix il-*Colin Stationery*; imma hija martu u oħtha li jiġġestixxu dan in-negozju;

2. Illi fil-mertu u bla preġudizzju għall-premess il-konvenut ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine stante* li huwa ma kkawżalux ebda danni;

3. Illi *se mai* huma l-awturi ta' l-attur li setgħu jikkawżawlu danni jekk dak li allega l-attur huwa minnu;

4. Illi huwa ma xtara xejn mingħand l-awtur ta' l-attur imma mingħand terzi persuni;

5. Illi huwa aġixxa skond il-liġi u martu u oħtha għandhom il-permessi neċessarji għall-importazzjoni ta' kull oġġett li huma jbigħu b'mod legali mill-*Colin's Stationery*;

6. Illi l-mandat ta' inibizzjoni rriferit inħareġ b'mod illegali u abbusiv u għalhekk il-konvenut ma għandu fl-ebda waqt jiġi permanentement inibit milli jeżerċita l-kummerċ fil-bejgħ ta' dawn il-kartolini;

7. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat illi b'digriet tat-18 ta' Mejju 1993, din il-Qorti diġà ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut billi ċaħdet din l-eċċezzjoni;

Rat illi l-kawża tħalliet għall-provi fil-mertu, liema provi effettivament ġew prodotti mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi sostanzjalment il-fatti ta' din il-kawża ma humiex tant ikkontestati. Jidher illi l-attur qiegħed jilmenta minn dak illi huwa jara bħala konkorrenza sleali fil-fatt illi l-*Colins Stationery* qiegħda timporta minn barra ġeneru ta' materjal illi effettivament jidher illi l-aġenti tiegħu f'Malta huma l-istess atturi;

L-atturi jaraw illi hemm ksur ta' l-użanza kummerċjali fis-sens illi jekk hawn Malta jkun hawn aġent ta' prodott importat minn barra ħadd aktar ma għandu jimporta jew jakkwista biex ibigħ dan il-prodott f'Malta ħlief *tramite* l-aġent Malti;

L-attur ried jipprova illi teżisti użanza kummerċjali fis-sens minnu pretiż. Huwa ovvju illi l-prova ta' tali użanza għandha kweżiti partikolari bħalma dejjem ġie deċiż mill-qrati tagħna, u partikolarment tali użanza trid tirriżulta b'mod ċar u univoku u jrid ikun hemm il-prova illi tali użanza ilha teżisti għal numru ta' snin;

Biex jipprovaw din l-użanza l-atturi ħarrku lil rappreżentant tal-Kamra tal-Kummerċ, lis-Sur Anthony Borg Cardona, li ta x-xiehda tiegħu fil-21 ta' Ġunju 1993. Minn eżami akkurat ta' din ix-xiehda jidher però illi l-Kamra tal-Kummerċ tiskoraġġixxi l-aġir ta' min jipprova jieħu aġenzija li diġà tkun f'idejn ażjenda jew persuna Maltija;

Iżda l-istess rappreżentant jgħid illi ma hemm l-ebda użanza, almenu da parti tal-Kamra tal-Kummerċ, fis-sens illi din tieħu xi miżuri kontra min jagħmel dak illi allegatament

qiegħed jagħmel il-konvenut. Jidher effettivament illi ma hemm xejn li josta illi persuna li tiġġestixxi l-kummerċ f'Malta ssiefer barra minn Malta, jew tikkommunika ma' kummerċjant barra minn Malta, li ma jkunx il-prinċipal ta' l-aġent f'Malta, u mingħandu tixtri u timporta oġġetti li tagħhom ikun importatur esklussiv l-istess aġent;

L-abbli difensur ta' l-attur sostna wkoll, fit-trattazzjoni tiegħu, illi aġir bħal dak tal-konvenut jikkostitwixxi konkorrenza sleali. *It-Tieni Titoli tal-Kapitolu 13 jittratta dwar il-limiti tal-kompetizzjoni.* Ma hemm l-ebda waħda mill-eventwalitajiet imsemmija f'dak it-titoli li jolqtu l-każ in eżami. Ġie sottomess illi l-importazzjoni tal-prodott in kwistjoni mill-konvenut jikkrea konfużjoni f'moħħ il-konsumatur. Huwa veru illi tali konfużjoni bejn prodotti differenti tagħti lok għal allegazzjonijiet u investigazzjonijiet ibbażati fuq il-konfużjoni potenzjali tal-konsumatur *(vide* Bajada *vs* Bonnici, Appell Kummerċjali deċiż 4 ta' Diċembru 1991 u Camenzuli *vs* Gauci *et* Appell Kummerċjali deċiż fit-22 ta' Jannar 1992, u Attard *noe vs* Orlando Vindrame, Appell Kummerċjali deċiż fl-4 ta' Frar 1992);

Iżda dan ċertament mhux il-każ fiċ-ċirkostanzi in diskussjoni. Il-konsumatur ser jiġi ppreżentat bl-istess prodott, indipendentement minn min jimportah;

*Jingħad ukoll għall-kompletezza illi dina l-Qorti ma tagħtix* wisq importanza lill-argument ta' l-abbli difensur tal-konvenut illi l-fatt illi jkun hawn aktar minn importatur wieħed fis-suq jibbenefika lill-konsumatur Malti. Din forsi tkun konsiderazzjoni soċjali li jista' jkollha importanza f'setturi oħrajn, però ċertament mhux fi kwistjoni jew kamp purament legali;

Fl-isfond tar-riżultanzi proċesswali l-Qorti ma tarax kif tista' ssib ġustifikata t-talba ta' l-atturi li la hi sorretta mil-liġi u lanqas mill-konswetudini. Min jieħu l-aġenzija ta' ditta estera jieħu r-riskju li ħaddieħor jimporta l-istess oġġett;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attriċi;

Il-Qorti konsegwentement tiċħad l-ewwel talba ta' l-attur in kwantu ma tiddikjarax l-aġir tal-konvenut illegali, abusiv u kontra kull użanza fil-kummerċ, u lanqas illi dan l-aġir jammonta għal konkorrenza sleali u konsegwentement ma tikkonfermax l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 138/83;

Spejjeż ta' l-ewwel eċċezzjoni għall-konvenut u r-rimanenti spejjeż tal-kawża għall-atturi *proprio et nomine.*